MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Numru. 402/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Redent Schembri**

**(ID 509980(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Redent Schembri, iben John u Emanuela xebba Farrugia, imwieled San Giljan fil-21 ta' Ottubru 1980, residenti gewwa 21, Triq San Mikiel, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 509980M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Novembru 2005 u fil-jum ta' qabel:

1. Traffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa llum, quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Pierre Grech**[1] qal illi huwa kien investiga l-kaz odjern, fejn fil-lejl tat-12 ta’ Novembru 2005, kienu gew arrestati xi nies minn gewwa l-*Liquid Club* f’San Gwann dwar pussess ta’ droga partikolarment *ecstasy*. L-imputat gie arrestat ukoll flimkien ma’ habib tieghu, certu Brandon. Skond ix-xhud, minn tfittxija li saret fuq l-imputat, ma nstabet l-ebda droga.

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija fit-12 ta’ Novembru 2005, fl-3.50 a.m. u dan wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista’ jingieb bi prova.[2] Fl-istess stqarrija, l-imputat jghid li ma jabbuzax minn droga, li qatt ma ha xi tip ta’ droga, jikkonferma li iktar kmieni fl-istess lejl kien qieghed San Gwann hdejn il-*Liquid Club* u li kien hemm ma’ shabu, fosthom Brandon. Jikkonferma li Brandon u hu gew arrestati mill-pulizija, izda jghid li ma jafx ghalfejn u jichad li huwa biegh l-*ecstasy* matul l-istess lejl jew li jbiegh l-*ecstasy.* Jghid li ma jbiegh l-ebda droga.

F’dawn il-proceduri, fis-6 ta’ Mejju 2013, xehdet ukoll **Leanne Dalli**[3] li qalet illi hija kellha kaz wiehed fuq droga li kien inqata’ snin qabel u li l-kaz sehh meta hija kellha xi sbatax jew tmintax-il sena. Qalet illi hija giet iwaqqfa quddiem il-*Liquid Club*, San Gwann, li maghha gew arrestati zewg persuni ohrajn, certi Justin u Arnold u qalet illi ghalkemm dakinhar ma nstab xejn fuqha, hija kienet

---

[1] A fol. 6 *et seq* tal-process.

[2] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol. 8 *et seq* tal-process. PC 642 Joseph Camilleri xehed illi huwa kien prezenti waqt li l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija, li l-imputat inghata s-solita twissija qabel bdiet l-interrogazzjoni tieghu u gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Grech u l-firma tal-imputat (a fol. 15 u 16 tal-process).

[3] A fol. 26 *et seq* tal-process.

hadet pillola *ecstasy* li kienet xtratha minghand wiehed bil-laqam ta' 'Tees'. Qalet illi ma kinitx taf dan x'jismu, li kienet iltaqghet mieghu dakinhar stess, fil-ghaxija, gewwa Paceville, hdejn il-*Wembley*, qabel marret il-*party* u qalet illi jekk tarah lanqas tgharfu ghaliex kienet ratu darba biss, filghaxija. Qalet illi xi hadd kien taha n-numru tal-*mobile* tieghu u hija kienet bghatitlu messagg, izda dan in-numru ma kienx ghadu ghandha. Qalet illi kienet iltaqghet mat-'Tees' f'din l-okkazzjoni biss u li la kienet ratu qabel u lanqas regghet ratu wara. Kienet taf li jghidulu t-'Tees' ghaliex kien qalilha b'dan min kien taha n-numru tieghu u kienet iltaqghet mieghu wahedha. Ix-xhud giet mitluba thares madwarha fl-awla, izda qalet illi ma kienet qeghda taghraf lil hadd u li kieku kellha tara lil dan it-'Tees' illum, lanqas kienet taghrfu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, ma ngabet l-ebda prova li turi kemm illi l-imputat kien fil-pussess tal-pilloli *ecstasy* fil-jiem indikati fl-imputazzjonijiet odjerni u wisq inqas illi fl-istess jiem, huwa traffika jew biegh il-pilloli *ecstasy.* Fl-istqarrija rilaxxjata minnu ftit wara l-arrest tieghu, l-imputat jichad li huwa kien jabbuza minn xi droga jew li qatt ha xi droga u jichad ukoll illi huwa kien biegh l-*ecstasy* matul dak il-lejl jew li qatt biegh l-*ecstasy*. Mix-xhieda tal-Ispettur Grech, jirrizulta wkoll illi lanqas ma nstabu xi sustanzi illeciti fil-pussess tal-istess imputat. In oltre ix-xhud Leanne Dalli la tindika l-isem tal-persuna li minghandha kienet xtrat l-*ecstasy*, ghaliex tghid li kull ma kienet taf dwaru huwa li kien maghruf bhala t-'Tees' u ma jirrizulta minn imkien illi l-imputat kien maghruf b'dan il-laqam u lanqas ma indikat lill-imputat bhala l-persuna li kien forniha bl-*ecstasy*. Fil-fatt lanqas ma jirrizulta illi l-okkazzjoni li fiha giet arrestata x-xhud kienet l-istess okkazzjoni li fiha gie arrestat ukoll l-imputat hdejn il-*Liquid Club*, gewwa San Gwann.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi z-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma gewx sodisfacentement ippruvati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------